NEWSPAPER POST

IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX

Marzu - April 1986

Nru 29

# IL-KAN. DUN SALV BORG - ARĊIPRIET ĠDID



BI PJAĊIR KBIR ilqajna l-aħbar li waslitilna nhar l-Erbgħa 26 ta' Frar 1986 li l-W.R. Kan. Dun Salv Borg inħatar l-Arċipriet ġdid tal-Knisja Bażilika ta' San Ġorġ. Il-ħatra tiegħu saret minn Mons. Isqof Nikol Cauchi wara li l-E.T. kien laqa' r-riżenja ta' Mons. Arċipriet Emanuel Mercieca, li iddimetta postu minħabba li laħaq l-eta ta' 75 sena.

Il-komunità parrokkjali kollha ferħet b'din l-aħbar li xterdet bħal leħħa ta' berqa m'Għawdex kollu. Il-Board Editorjali ta' IL-BELT VICTORIA jingħaqad mall-Kapitlu, Kleru u l-parruċċani kollha sabiex isellem lill-Kan. Dun Salv Borg (wieħed mill-kollaboraturi tagħna) u jawguralu bosta snin ta' ħidma fejjieda b'risq il-parroċċa. Aħna ċerti li taħt it-tmexxija tiegħu, il-parroċċa tagħna tkompli miexja 'l quddiem filwaqt li tkun ta' l-ikbar servizz mhux biss għal uliedha iżda wkoll għall-Għawdxin kollha.

Sadattant irridu wkoll nagħtu t-tislima tagħna lil Mons. Emanuel Mercieca li għal dawn l-aħħar 10 snin hadem fostna bla serħan. Lilu, f'isimna lkoll, niżżuhajr waqt li naċċertawh li nibqgħu dejjem rikonoxxenti lejh.

Dun Salv, kif inhu magħruf aħjar minn kulħadd, huwa saċerdot mill-aktar ħabrieki, għaref, dedikat u twajjeb li għandna fost il-kleru tagħna. Imwieled fit-30 ta' Lulju 1944, Dun Salv kiseb l-edukazzjoni tiegħu fil-Liceo u aktar tard fis-Seminarju t'Għawdex. Kien l-ewwel saċerdot li ġie ordnat minn idejn Mons. Isqof Nikol Cauchi fil-11 ta' Mejju 1968. Dritt wara l-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu, għadda sen'oħra jistudja fl-Università Pontifiċja tal-Lateran, b'kors dwar it-Teoloġija Pastorali. Lura f'Għawdex fl-1969, daħal fil-Kurja Veskovili fejn okkupa diversi karigi, fosthom dik ta' Kap tat-Taqsima tal-Finanzi. Għal xi żmien huwa serva wkoll bħala Segretarju tal-Kummissjoni tal-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali.

Attwalment Sun Salv huwa wkoll l-Asst. Ekklesjastiku taċ-Ċirkoli tal-Irġiel u Nisa tal-Azzjoni Kattolika u wieħed mis-Sodales tal-Moviment Pro Sanctitate. Dan l-aħħar huwa kien ġie maħtur Segretarju Amministrattiv 'ad interim' fil-Kurja.

Lill-Arċipriet il-ġdid żagħżugħ tagħna, filwaqt li nwegħduh il-kollaborazzjoni ta' kull wieħed u waħda minna, nawgurawlu "AD MULTOS ANNOS".

# MID-DJARJU TAL-PARROĊĊA

## Jannar - Frar

**5 ta' Jannar**
Fl-okkażjoni tas-Solennità tal-Epifanija tal-Mulej, filgħodu saret konċelebrazzjoni solenni minn Mons. Arċipriet flimkien mal-Kapitlu u kleru. Wara nofs in-nhar it-tfal taċ-Ċentru Parrokkjali ġew meħuda għall-harġa fil-kampanja.

**9 ta' Jannar**
Inżammu laqgħat mill-kumitat tal-"Ladies Society" u mill-Board Editorjali ta' "Il-Belt Victoria".

**12 ta' Jannar**
Filgħodu saret konċelebrazzjoni solenni fl-okkażjoni tas-Solennità tal-Magħmudija tal-Mulej. Illum fil-Bażilika nżammet il-festa ta' Ġesù u Marija. Filgħaxija quddiesa bl-omelija minn Mons. Arċipriet.

**13 ta' Jannar**
Il-quddiesa tat-tfal mit-Tnejn sal-Ġimgħa bdiet issir fis-7.30 a.m.

**18 ta' Jannar**
Bdiet l-Ottava għall-Għaqda tal-Insara. Sar talb speċjali qabel iċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**21 ta' Jannar**
Il-"Ladies Society" organiżżaw 'coffee Morning' fil-bajja ta' Marsalforn.

**22 ta' Jannar** Iltaqa' l-Kunsill Parrokkjali

**24 ta' Jannar**
Ġie organiżżat Forum għall-koppji żgħażagħ li kien immexxi minn Fr. George Borg, Mr. George Cassar u Mrs Grace Cassar. Illum iltaqa' wkoll il-Kumitat tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

**29 ta' Jannar**
Inżammet laqgħa oħra tal-Kumitat tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

**2 ta' Frar**
Filgħodu saret konċelebrazzjoni solenni bit-tberik tax-xema' fl-okkażjoni tal-Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej.

**6 ta' Frar**
L-ewwel jum tat-tridu tal-festa tal-Madonna ta' Lourdes. Filgħaxija qaddes u ippriedka l-W.R.Kan. Dun Nikol Vella Apap.

**9 ta' Frar**
Jum il-festa tal-Madonna ta' Lourdes fil-Bażilika. Filgħodu saret konċelebrazzjoni minn Mons. Arċipriet Kapitlu u Kleru li fiha Mons. Arċipriet għamel il-priedka tal-okkażjoni.

**10 ta' Frar**
Filgħaxija saret konċelebrazzjoni solenni fl-okkażjoni tas-Solennità tan-Nawfraġju tal-Appostlu Missierna San Pawl.

**11 ta' Frar**
Jum espożiszzjoni solenni fl-okkażjoni tal-ewwel dehra tal-Madonna ta' Lourdes. Filgħaxija konċelebrazzjoni solenni. Inżammet laqgħa oħra tal-Board Editorjali tar-rivista "Il-Belt Victoria".

**12 ta' Frar**
Bidu tar-Randan Imqaddes. Filgħaxija saret il-funzjoni tar-rmied.

**15 ta' Frar**
Fil-Bażilika nżamm lejl adorazzjoni li beda b'quddiesa fit-8.00 p.m. u spiċċa b'quddiesa oħra f'nofs il-lejl.

**16 ta' Frar**
L-Ewwel Ħadd tar-Randan. Filgħaxija saret il-quddiesa bl-omelija mill-kwareżimalista Rev. George Mercieca STL.

**22 ta' Frar**
Fl-okkażjoni tal-Festa tal-Kattedra ta' San Pietru, filgħodu Mons. Arċipriet mexxa konċelebrazzjoni solenni flimkien mal-Kapitlu u Kleru.

**24 ta' Frar**
Bdew l-Eżerċizzi Spiritwali għall-miżżewġin. Il-predikatur kien Patri Raniero Zammit O.F.M.Cap.

## *Ulied Ġodda fil-Parroċċa*

**18. 1. 86**
MATTHEW - RAY iben Angelo Muscat u Annette neè Caruana

**25. 1. 86**
PHILIP iben Joseph Vella u Josephine neè Pisani

**26. 1. 86**
CHRISTINE bint Robert Mallia u Josephine neè Galea

**1. 2. 86**
JOEYANN bint Emanuel Agius u Maria Rosaria neè Sacco

**8. 2. 86**
JOANNE bint Victor Mercieca u Doreen neè Scerri.

## Ingħaqdu fiż-Żwieġ Nisrani

**1. 2. 86**
John Gatt u Mary Grace Mizzi

## *Daħlu Qabilna fl-Eternità*

| | |
|---|---|
| **9. 1. 86** | Carmela Bugeja |
| **16. 1. 86** | Gorg Grech |
| **25. 1. 86** | Anton Pace. |

**Gawdi mill-Offerti Speċjali li se jingħataw fuq diversi oġġetti tad-Dar**

**fl-IDEAL HOME EXHIBITION GOZO '86**

IL-ĠIMGĦA, IS-SIBT u L-ĦADD, 21 - 22 - 23 ta' MARZU

***FIL-KUMPLESS TAT-TEATRU ASTRA***

# *It-23 ta' April:* *IT-TIFKIRA LITURĠIKA TA' SAN ĠORĠ MARTRI*

**"Ġorġ, is-suldat l-aktar leali ta' Kristu, meta kullimkien l-insara kienu jostru r-reliġjon tagħhom, waħdu stqarr lil Ġesù Kristu bħala l-Iben t'Alla. Il-grazzja t'Alla mlietu b'tali qawwa li hu stmerr it-theddid tat-tiranni u ma beżagħx mill-agunija ta' turmenti bla għadd"**

F'dawn il-ftit kelmiet, meħudin mill-**Lber Praefationum** ta' San Ambroġġ, Isqof ta' Milan (374-79) mhux biss għandna **xhieda tal-qedem tal-qima** li l-Knisja tagħti lil San Ġorġ fil-liturġija tagħha, iżda għandna wkoll **il-qofol tar-riflessjoni teoloġika** rigwardanti l-martirju ta' l-insara u l-kult tal-martri.

Il-martirju huwa l-**istqarrija (confessio)** ta' lealtà lejn Kristu u ta' għaqal mal-Knisja li wieħed nisrani jagħmel permezz tal-**passjoni (passio)** tiegħu u tas-**sabar (patientia)** li bih huwa jbati għall-imħabba ta' Kristu.

Il-martirju m'huwa l-ebda mod frott tal-qawwa tal-fakultajiet tal-bniedem iżda huwa **frott tal-grazzja** t'Alla: dik il-grazzja li timla' lin-nisrani b'dik il-qawwa divina li tagħmel min-nisrani martirizzat **rivelazzjoni** tal-kobor t'Alla u **dawl** li fih jiddi l-misteru tas-salib ta' Kristu.

Fil-martirju n-nisrani jilħaq **l-ogħla qdusija,** mhux tnat għax il-martirju huwa għemil ta' l-akbar qlubija fix-xhieda ta' Kristu, daqskemm għaliex il-martirju huwa l-akbar mod ta' parteċipazzjoni fil-misteru ta' l-Għid.

Fil-jum tat-23 ta' April il-Knisja tagħmel it-tifkira liturġika ta' San Ġorġ, wieħed mill-aktar magħrufa fix-xirka privileġġjata tal-qaddisin martri.



F'dan il-jum il-Knisja **tifraħ** għax tara f'San Ġorġ dak in-nisrani li kiseb fis-sema **l-ogħla ġieħ u glorja** wara li kien sofra fuq l-art l-eħrex tbatijiet minħabba l-lealtà tiegħu lejn Kristu u l-fidi nisranija li kien jistqarr. Il-Knisja tifraħ ukoll għax tara f'San Ġorġ rivelazzjoni tal-kobor t'Alla u bir-raġun tfaħħar 'l Alla "għall-kobor tas-setgħa tiegħu". Fl-imħabba li juri mall-bnedmin. U għalhekk il-Knisja wkoll **titlob** għax taf li San Ġorġ Martri jaqsam ma' Kristu, mhux biss il-glorja tal-ġenna iżda wkoll **is-setgħa quddiem it-tron tal-grazzja.**

Waqt illi tqis iċ-ċokon tagħna l-bnedmin, il-Knisja, fil-Liturġija tat-23 ta' April, titlob 'l Alla sabiex aħna l-bndemin "ikollna dejjem il-għajnuna f'waqtha ta' san Ġorġ", li wara li fil-martrijiu tiegħu sar jixbaħ lil Ġesù Kristu Sidna" (ara **Lit. Hor.,** Die 23 aprilis), issa jirbħu wkoll fil-glorja tiegħu u miegħu jidħol għalina quddiem Alla sabiex igħinna fit-triq tagħna li twassalna fis-sema.

# NIĊEĊ U TURIŻMU



It-turist f'Għawdex sar ħaġa ta' rutina. Sar iżurna kważi f'kull staġun, jiekol u jorqod magħna, waqt li jitpaxxa bil-ġmiel naturali u l-folklor li toffri gżiritna.

Sa ftit żmien ilu, dak li kien mormi u minsi, inġabar, tawh sura oħra, reġa' ħa l-ħajja, u sar jiswa mitqlu deheb. B'rieħtu aħna tgħallimna li għandna nibżgħu u ngħożżu wirt artna, għalkemm f'dan il-qasam l-interess pubbliku għadu donnu fin-nieqa.

Ta' min isemmi n-niċeċ li tiltaqa' magħhom kważi f'kull triq fil-belt u f'kull raħal. Dawn, bil-lampi jpetptu quddiemhom kienu jiksru d-dlam ċappa meta fi gżiritna kien għadu ma daħalx id-dawl elettriku. Il-bidu ta' ħafna minn dawn in-niċeċ għandhom l-istorja tagħhom marbuta ma' razez ta' familji. Issib oħrajn b'leġġendi u mirakli msawwrin magħhom. Oħrajn ġew imżejna b'indulġenzi għal min jgħid xi talb quddiemhom. Xhieda ta' dan insibu ħafna skrizzjonijiet minsuġa f'biċċa rħama taħt in-niċċa bid-data u b'isem l-isqof ta' dak iż-żmien. Il-maġġoranza ta' l-istatwi ta' ġo fihom huma skolpiti fil-ġebla Għawdxija, għalkemm uħud minnhom flok statwa għandhom inkwadru. Pilastri, skultura u kull tant anġli u figuri oħra jżejnu n-niċeċ minn barra. Id-daqs ta' l-istatwi kull tant jasal sa tul ta' bniedem. Hemm oħrajn magħmula mill-injam u ma' l-ewwel daqqa t'għajn tinduna b'liema eżattezza, pilastri, fondijiet, gwarniċi, rużuni u kapitelli huma maħduma.

Hija ħasra li bosta minn dawn in-niċeċ jinsabu fi stat ta' rovina. Bla dawl, ħġieġ miksur, mimlija trab u għanqbut waqt li ż-żebgħa għebet għal kollox. Dan jitfa' dell ikraħ kemm lil dik il-familja u iktar u iktar lil gżiritna. Hemm bżonn li fejn tidħol l-istorja ma nixxaħħux. M'hux bix-xemx biss niġbdu lit-turist, imma b'kull ħaġa li għalkemm għalina nkunu drajniha u ma nagħtux kasha, hu forsi qatt ma jkun iltaqa' magħha. Tiskanta kif pajjiżi oħra jagħmlu kapital minn ħaġa ta' xejn u kultant tkun hi l-attrazzjoni f'pubbliċità turistika. Bit-turiżmu isem Għawdex u ġrajjietu qed jinfirex bħal għanqbuta mal l-Ewropa. Mela nibżgħu għalih.

*C.P. Cassar*

"IL-BELT VICTORIA"
Revista ta' kull xahrejn
Ufficċju Editorjali: Ċentru Parrokkjali San Ġorġ, Triq Karità — Victoria, Għawdex.
Tel: 556377

## Editorjal

# ARCIPRIET GDID

Il-liġi taż-żmien u ta' l-istorja timponi l-bidla mhux biss fil-ħajja naturali u soċjali tal-bnedmin, iżda wkoll fil-ħajja spiritwali u ekkleżjali ta' l-insara. **U din il-bidla ġabitilna magħha Arċipriet Ġdid!**

Nhar il-Erbgħa, 26 ta' Frar, ħarġet mill-Kurja Veskovili n-nomina tal-Kanoniku Salv Borg bħala l-Arċipriet il-Ġdid tal-Bażilika ta' San Ġorġ, wara li Mons. Isqof N. Cauchi kien laqa' ir-riżenja, skond il-Kanoni Nru 538 tal-liġi tal-Knisja, ta' Mons. Emanuele Mercieca, l-Arċipriet li mexxa l-Parroċċa tagħna għal dawn l-aħħar għaxar snin. Mons. Mercieca ta' l-aħbar tal-ħatra tas-suċċessur tiegħu fil-quddies ta' fil-għaxija ta' l-istess jum, filwaqt illi l-kampnari tal-Bażilika xerrduha ma' l-erbgħat irjieħ tal-Belt Victoria u taw b'hekk espressjoni mill-aktar ħajja lill-ferħ li mela' l-qalb tal-Komunità Parrokkjali tagħna.

Filwaqt li, minn din il-paġna, **nifirħu b'Mons. Salv Borg, l-Arċipriet il-Ġdid tagħna,** aħna **nsellmu lil Mons. Emanuele Mercieca, l-Ewwel Arċipriet tal-kolleġġjata tagħna.**

F'dawn l-għaxar snin li tulhom ilu Arċipriet tal-Bażilika, Mons. Mercieca ddedika ruħu kollu kemm hu, anzi ta ħajtu, għall-ħidma tal-Parroċċa. Is-sinjali tal-ħidma tiegħu, fosthom il-binja kbira taċ-Ċentru Parrokkjali u d-dekorazzjoni bil-mużajk tal-kopletti tan-navi, jibqgħu monument li ma jitħassar qatt li jfakkar lilna u lill-ġenerazzjonijiet ta' wrajna fiż-żelu u fl-imħabba ta' l-Arċipriet Mercieca lejn il-Komunità Parrokkjali ta' San Ġorġ. Ċertament illi l-ebda kelma ma tista' tfisser b'mod sħiħ il-ħajr u l-gratitudni li din il-komunità ta' nsara għandha lejh. It-talba tagħna llum hi li l-Mulej irodd lil Mons. Mercieca kif Hu biss jaf għall-ġid li l-Arċipriet Mercieca wettaq fostna l-membri tal-Komunità Parrokkjali ta' San Ġorġ.

Il-Kleru kollu u l-poplu kollu feraħ bil-ħatra tal-Kan. Salv Borg bħala l-Arċipriet il-Ġdid tal-Bażilika Kolleġġjata tagħna: **bniedem affabbli** li lkoll nafu, **saċerdot intelliġenti** wild il-Parroċċa tagħna, **Kanoniku ħabrieki** tal-Kolleġġjata tagħna. **Lil Mons. Arċipriet Borg aħna nwiegħduh il-għajnuna tagħna fil-ħidma ġdida tiegħu,** għajnuna illi nseddquha **b'talba lil Alla sabiex, bl-interċessjni tal-Patrun tagħna San Ġorġ, iwettaq bi frott sħiħ il-ħidma tiegħu fis-snin li ġejjin.**

*L-aħbar tan-nomina tal-Kan. Dun Salv Borg bħala Arċipriet tal-Bażilika waslitilna jumejn biss qabel ma konna wasalna biex nippubblikaw din il-ħarġa. Kien għalhekk li ma stajna niddedikaw xejn aktar dwar din il-ħatra importanti għajr din l-ewwel paġna u l-editorjal. Fl-edizzjoni li jmiss ta' IL-BELT VICTORIA se nagħtu aktar tagħrif dwar l-Arċipriet il-ġdid, kif ukoll ħarsa lura lejn l-10 snin ta' Arċipretura ta' Mons. Emanuel Mercieca.*

# BRADELLI ĠODDA

Il-funzjonijiet sbieħ tar-Randan, u b'mod partikolari dawk tal-Ġimgħa Mqaddsa, sa minn dejjem kienu għal qalb il-poplu tagħna. Fil-parroċċa Bażilika tagħna, dawn il-funzjonijiet ta' kull sena jkunu mistennija mhux ftit mill-parruċċani kollha. Iċ-ċelebrazzjonijiet lituġiċi tar-Randan jilħqu l-qofol tagħhom bil-proċessjoni tal-Ġimgħa l-Kbira li, fil-każ tagħna, għandha tradizzjoni antika, peress li hija l-eqdem proċessjoni ta' gżiritna.

Fl-imgħoddi il-proċessjoni tal-Ġimgħa l-Kbira f'San Ġorġ kienet tkun f'idejn Prokuratur, li ġeneralment kien ikun xi saċerdot ħabrieki minn fost il-kleru tal-parroċċa. Illum l-organiżazzjoni ta' din il-proċessjoni hija fdata f'idejn Kumitat li minbarra li jinkludi lill-Prokuratur, għandu bħala Chairman tiegħu lil-Mons. Arċipriet.



Waħda mill-inizzjattivi li dan il-Kumitat ħa din is-sena hija t-tibdil tal-bradelli u l-bankuni tal-istatwi, billi issa dawn qdiemu sewwa u m'għadhomx fi stat tajjeb ħafna. Il-bradelli u l-bankuni kollha mistennija jinbiddlu bil-mod il-mod, sena wara l-oħra. Għal din is-sena huwa ttamat li jsiru tnejn: dawk tal-Vara l-Kbira u tar-Redentur.

Bla dubju, inizjattiva ta' din ix-xorta tirrikjedi spejjeż kbar. Il-Kumitat jixtieq jappella sabiex kull min jista' jgħin f'din l-opra ma jibqax lura, imma jagħti s-sehem tiegħu ġenerożament. Kull offerta li tingħata tinħareġ riċevuta għaliha.

Inti wkoll tista' tgħin bl-offerta tiegħek.

## Set Twieqi Ġodda




Bl-inizzjattiva tal-Kan. Onor. Dun Koronat Grima fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġużepp f'Gibiltà sar sett ta' twieqi ġodda *(stained glass)* b'figuri ta' qaddisin li għandhom x'jaqsmu b'mod jew ieħor ma' din il-parroċċa. Waħda minn dawn it-twieqi tirrappreżenta lil San Ġorġ Martri (ara ritratt). Qaddisin oħra li jidhru f'dawn it-twieqi huma San Pawl, San Pietru San Patrizju, Ir-Ragħaj it-Tajjeb u Sidtna Ommna Marija tal-Medalja Mirakoluża. Il-Parroċċa ta' San Ġużepp, li tagħha l-Kan. Grima huwa Kappillan, f'Diċembru li għadda fakkret l-ewwel Ċentinarju mit-twaqqif tagħha.

# INTERVISTA MA' ĠESÙ TA' NAZARET

*wieħed reporter għamel din l-intervista lil Ġesù:*



**Kif u għaliex erġajt sibt ruħek fostna l-bnedmin?**
Għax Alla hekk ħabb id-dinja li bagħatni biex min jemmen fija ma jintilifx. Bagħatni nagħti aħbar tajba lil kulħadd, nagħti d-dawl lill-għomja, ṇeħles lill-magħkusin, nagħti l-vera libertà.

**X'jidhirlek mid-dinja moderna tagħna, bil-progress kollu li għamilna minn mindu kont magħna l-aħħar?**
Inħoss ħasra meta nara daqstant nies li llum, minkejja l-progress kollu, għadhom mitlufin u mdejqa, qishom nagħaġ mingħajr ragħaj. Intom taħdmu u titħabtu għal ħafna affarijiet: karozzi, stereos, kumditajiet. Imma jonqoskom l-aqwa ħaġa. Hu biss min jaf iħobb li jsib din il-ħaġa essenzjali għall-ħajja.

**Ma nafx kemm wieħed jista' jħobb ilum, f'dinja fejn il-flus huma kollox. Ma taħsibx li l-flus huma bżonn?**
Kien hemm raġel li għadda ħajtu jrekken il-flus. Ġie xi jgħidlu "Il-lejla int ser tmut. Il-flus li rekkint ta' min se jkunu?" Għalhekk ngħidilkom, agħmlu għalikom teżori fis-sema fejn la ħallelin ma jisirqu u anqas kamla ma tiekol.

**Imma sakemm aħna fid-dinja, huma s-sinjuri li jgawdu.**
Ferħanin intom il-fqar, għax tagħkom hija s-Saltna, ħażin għalikom intom is-sinjuri, għax il-faraġ tagħkom diġa' ħadtuh, għad tnewħu u tibku.

**Allura qisek qed tgħid li ħaġa tajba li jkun hawn innies fqar, igħixu fil-ġuħ u fil-miżerja!**
Il-fqar huma dejjem magħkom. Morru u itimgħuhom intom, morru biegħu kull ma' għandkom u agħtuhomlhom. Imma tinsewx li mhux bil-ħobż biss igħix il-bniedem, imma b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla.

**Weġibni din: Għaliex Alla, li hu tajjeb, jippermetti t-tbatija ta' l-innoċenti?**
Jien qatt ma kkuntentajt li npaċpaċ fuq it-tbatija. Ġejt biex nissallab ma' min hu msallab. F'ħajti dejjem dewwejt, fejjaqt, farraġt lil min hu batut. Imma ma tistax tirbaħ it-tbatija jekk m'intix lest li tbati int stess. Nistieden lil kull min jixtieq biex jiġi miegħi, igħinni nneħħu t-tbatija mid-dinja. Iżda min jiġi jrid ikun lest li miegħi u bħali jerfa' salibu kuljum.

**X'taħseb li hi s-soluzzjoni għall-gwerer?**
Neħħu l-armi kollha li għandkom, għax min jgħati bis-sejf bis-sejf imut.

**U l-politika. Fostna saret il-ħobżna ta' kuljum. Int x'jidhirlek?**
Ebda setgħa ma' teżisti jekk mhix ġejja minn Alla. Qisu li l-akbar wieħed fostkom ikun is-seftur tagħkom. Ħobbu dejjem l-egħdewwa tagħkom. Agħmlu l-ġid lil min jagħmlilkom il-ħsara. Agħtu lil Cesare dak li hu ta' Cesare u lil Alla dak li hu ta' Alla.

**MORRU FIL-PAĊI U GĦIDU LIL KULĦADD LI JIEN NIBQA' MAGĦKOM SA L-AĦĦAR TAD-DINJA.**

## Għalikom Tfal:

# MA NAĦLUX ŻMIEN

*Iż-żmien igħaddi u ma jistenna lil ħadd. Tgerrbu xahrejn anqas biss nafu kif, u aħna rġajna se niltaqgħu għal ftit tal-ħin flimkien permezz ta' din ir-rokna li l-Board Editorjali li jmexxi din ir-rivista jiddedika ta' kull darba għalikom.*

*U propju fuq iż-żmien xtaqt inkellimkom illum. Jien naf li hawn ħafna fostkom li jħobbu jitilfu ħafna żmien u jaħlu l-ħin fix-xejn.*

*Jitlef iż-żmien, tfal, min hu bla għaqal u m'għandux sens. Meta tħallu ż-żmien jintilef, tkunu qed idderru lilkom infuskom traskurati. Barra minn hekk, tkunu qegħdin tħallu x-xogħol jitla' u jinġema', u imbagħad tibdew taqtgħu qalbkom biex tagħmluh.*

*Tridu tkunu tafu kemm hu prezzjuż il-ħin? Ħalli ngħidilkom x'għandkom tagħmlu. Agħlqu għajnejkom sewwa b'mod li ħlief dlam ċappa ma tarawx, u żommuhom magħluqin għal minuta. Stennew il-minuta tgħaddi u taraw kemm hi twila u kemm tiddejqu tistennewha tgħaddi. Issa din minuta waħda biss. Taħsbu li aħna minuta biss nitilfu matul il-jum? Possibbli xejn ma tiddejqu tgħaddu dak il-ħin ma tagħmlu xejn? Agħmlu daqxejn ta' test magħkom infuskom, tfal, u araw f'liema ħin l-aktar li titilfu żmien. Għoddu l-minuti ta' kuljum, immultiplikawhom għal seba' darbiet u araw f'ġimgħa kemm jitilgħu. Fl-aħħarnett għoddu kemm il-siegħa jiġu f'sena. Minn test bħal dan titgħallmu ħafna. Ħaġ'oħra qabel nagħlaq. Kif morna fl-eżamijiet ta' nofs is-sena? Tajjeb jew ħażin? Jekk mortu ħażin, il-kaġun hu għax tliftu ħafna żmien fix-xejn. Qisu li dan qatt ma jerġa' jiġri. Agħmlu użu minn kull minuta. Studjaw u ħabirku, għax kif diġa' għidtilkom, iż-żmien igħaddi malajr bla ma jistenniekom, u l-eżamijiet tal-aħħar tas-sena jiġu fuqkom ħin bla waqt!*

*Ta' l-aħħar; ninsabu fir-Randan Imqaddes. Inħeġġukom tagħmlu xi penitenza żgħira, tal-anqas jekk mhux kuljum, anke nhar ta' Ġimgħa biss.*

*Nixtiqilkom minn issa l-Għid it-Tajjeb. Tata'.*

***Iz-Ziju Peppi***

# *Niltaqgħu Nhar. . .*

**MARZU**

**It-Tnejn 3:**
7.00 p.m. Jibdew l-Eżerċizzi Spiritwali għaż-Żgħażagħ.

**L-Erbgħa 5:**
1.30 p.m. Siegħa Adorazzjoni Kommunitarja.

**It-Tnejn 10:**
2.00 p.m. Jibdew l-Eżerċizzi Spiritwali għal Kulħadd.

**Il-Ġimgħa 21:**
Festa tad-Duluri tal-Verġni Marija

**Il-Ħadd 23:**
Ħadd il-Palm. Fl-4.00 p.m. Funzjoni tat-Tberik tal-Palm.

**It-Tlieta 25:**
Serata Mużiko-Letterarja bis-sehem tal-Banda La Stella.

**L-Erbgħa 26:**
Via Sagra u Konċelebrazzjoni minn Mons. Isqof.

**Il-Ħamis 27:**
Ħamis ix-Xirka. Fil-5.30 p.m. Konċelebrazzjoni Solenni u jibdew il-Viżti tas-Sepulkru.

**Il-Ġimgħa 28:**
Il-Ġimgħa l-Kbira. Fit-3.30 p.m. tibda l-funzjoni tal-Knisja u fis-6.00 p.m.Proċessjoni bis-sehem tal-Banda La Stella

**Is-Sibt 29:**
Sibt il-Għid. Fit-8.00 p.m. Tberik tan-nar u l-ilma u Konċelebrazzjoni Solenni.

**Il-Ħadd 30:**
L-Għid il-Kbir. Fid-9.00 a.m. Konċelebrazzjoni Solenni u wara Dimostrazzjoni bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt bis-sehem tal-Banda La Stella.

**APRIL**

**L-Erbgħa 2:**
Siegħa Adorazzjoni Kommunitarja fis-1.30 p.m.

**It-Tlieta 22:**
Lejliet il-Festa Liturġika ta' San Ġorġ. Fis-6.00 p.m. Għasar Solenni Kantat.

**L-Erbgħa 23:**
Jum San Ġorġ. Qudies il-ġurnata kollha (kull siegħa) sal-5.00 p.m. Fis-7.00 p.m. Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija minn Mons. Isqof N. Cauchi.

# DWAR IL-QRAR

## ŻBALJI KOMUNI

- ***Ma nqerrx għax xorta nerġa' naqa'***
  *(Allura ma ninħasilx iżjed għax xorta nerġa' nitħammeġ)*
- ***Inqerr is-Sibt***
  *(Meta tkorri f'ġismek hekk tagħmel?)*
- ***Nidneb kemm irrid għax hemm il-qrar.***
  *(Abbuż kbir mill-ħniena ta' Alla).*
- ***Nibża' li ħallejt xi dnub.***
  *(Alla ma jikkundannakx fuq dnub li ma tafx bih).*
- ***Qrara bla ebda konverżjoni***
  *(Telf ta' żmien).*

***ALLA DEJJEM JILQAGĦNA KULL META NIRRITORNAW LEJH B'QALB NIEDMA.***

## PARIRI SIEWJA

1. Agħżel konfessur wieħed u jkun għalik id-Direttur Spiritwali.
2. M'hemmx bżonn ta' ħafna paroli fi stqarrija.
3. Wara l-qrar terġax taħseb fi dnubietek - dawk Alla nsiehom - issa ħares biss lejn il-futur.
4. Ieqaf ftit u aħseb x'inhu li qed iwaqqek fid-dnub u pprova aħarbu.
5. Tiddawwarx ħafna ma tagħmel it-tewba.
6. Ftakar li s-saċerdot huwa marbut bis-siġriet tal-qrar, biex qatt ma tistħi tqerr.
7. Tinsiex li biex tidneb trid taf li tkun qed tagħmel xi ħaġa ħażina, u tkun trid tagħmilha.



**2** **Bennejja tal-Paċi**

## *"IMBERKIN DAWK LI JAĦDMU GĦALL-PAĊI GĦAX JISSEJĦU WLIED ALLA"* (Matt. 5, 9)



# ABBÈ PIERRE

Henry Groues, jew kif inhu aktar magħruf Abbè Pierre, huwa saċerdot Franċiż imsemmi ħafna għall-ħidma tiegħu bla waqfien fost il-foqra w il-batuti.

Twieled f'Lyons. Huwa mill-ewwel inxteħet jaħdem fost il-foqra li kienu jgħixu fil-gabubi u fis-slums. Tul it-Tieni Gwerra Dinjija huwa ħadem kemm felaħ biex igħin lill-priġunieri jaħarbu minn taħt il-ħruxija tal-Germaniżi. Wara li għen iħarrab ħafna nies, inqabad. B'xorti tajba Abbè Pierre irnexxielu jaħrab lejn l-Afrika.

Kif spiċċat il-gwerra, huwa mill-ewwel reġa' lura fi Franza. Kien issa li rnexxielu jsir deputat fil-Parlament Franċiż. Bis-salarju tiegħu rnexxielu jwaqqaf bosta djar li għadhom jissejħu "EMMAUS" Fihom laqa' u għadu jilqa' lil kull min għandu bżonn l-għajnuna; foqra bil-ġuħ, nies bla djar, tfal abbandunati, oħrajn li qed ifittxu l-paċi fihom infushom. Il-bieb tiegħu dejjem miftuħ. Huwn dawn in-nies isibu saqaf fejn imiddu rashom, sodda fejn jistrieħu, platt biex jimlew l-istonku tagħhom u l-kelma qaddisa ta' Abbè Pierre u sħabu li tagħtihom kuraġġ u skop għall-futur.

Darba ma kellux fejn idaħħal aktar nies. Hu qatagħha li jneħħi l-kappella u flokha jagħmel sodod. "Hadd ma jista' jilqa' lil dawn in-nies. . .imma Ġesù jilqagħhom b'idejh miftuħin". Bl-istess salarju tiegħu rnexxielu jixtri biċċa art u fuqha kompla jibni għadd ta' djar. Meta spiċċawlu l-flus, ħareġ jittallab il-karità. Darb'oħra, bit-tama li jiġbor ftit flus ħa sehem f'telequiz. Irnexxielu jirbaħ madwar Lm50,000 u kellu l-okkażjoni jsemma' leħnu u qanqal kuxjenza favur in-nies batuti. Darb'oħra ħareġ jiġbor l-imbarazz li sab fit-toroq u biegħu. Dan kollu xi jfisser għalina? Bil-kliem biss ma naslu mkien. Jeħtieġ immiddu jdejna, imqarr jekk ma jirrnexxielniex mill-ewwel. L-aqwa li nkunu tajna l-ewwel pass. Għaldaqstant, jekk inti li qed taqra trid tassew tibni dinja ġdida mit-tifrik tal-qadima, tista' żgur. Fi djarna, fuq ix-xogħol, f'pajjiżna. Kulħadd għandu sehem x'jagħti. Ma noqogħdux nistaħbew wara subajna. Il-paċi tiddependi minna lkoll. Hemm x'nagħmlu. Dak ix-xiħ jgħix waħdu, dak il-marid serju, dik l-armla, dik il-familja bit-tifel mhux normali, dik il-persuna li jien miksur magħha.

Nibdew insemmu t-tajjeb flok il-ħażin tan-nies. Nagħtu widen lil dawk li jersqu lejna. Nikkalmaw lil oħrajn meta l-qiegħa tkun qed tishom. Naħdmu biex isaltan is-sliem fostna. Abbè Pierre ta' spiss iħobb itenni lil dawk ta' madwaru: "Il-faqar u l-paċi ma jistgħux jistennew. Jeħtieġ inħaffu." Iva, jekk irridu, il-paċi hi possibbli.

*MISTOQSIJA U TWEĠIBA:*

**Kif isir l-ilma zahar**

L-ilma zahar isir miz-zahar u l-weraq tas-siġar tal-larinġ tal-bakkaljaw. Iz-zahar u l-weraq jitqiegħdu bi ftit ilma f'lampik u jqabbdu l-ħatab taħtu. Meta jiftaħ jagħli, il-lampik igħattuh bil-"kappell". Il-fwar li jinżel iqattar minn żennuna tal-kappell jiġbruh ġo fliexken, imbagħad jerfgħuh ġo tramiġġani tal-ħġieġ fejn iħalluh joqgħod xi tliet xhur jew erbgħa.

L-ilma zahar jintuza mal-pasti u l-ħelu, mal-kafè għat-togħma u mal-mishun għall-uġigħ ta' zaqq jew stonku.

## Riċetta ta' l-Imqaret

*Ikollok Bżonn:*

500 gramma għaġina tat-torti.
pakkett tamal ta' 250 gramma
biċċa qoxra maħkuka tal-larinġ
biċċa qoxra maħkuka tal-mandolin
kuċċarina ilma zahar
kuċċarina anizetta
nofs tazza ilma fietel.

*Kif tagħmilhom:*

Mili: Qattgħu t-tamal biċċiet żgħar. Ħalltu miegħu l-ilma fietel, l-anizetta, l-ilma żgħar u l-qxur maħkuk tal-frott. Agħffġuhom sew bil-furketta jew permezz tal-Liquidiser. Ifthu l-għaġina bil-lembuba. Qattgħuha fi strixxi wiesa' madwar 10cm. Itfgħu l-mili kuċċarina, kuċċarina ħdejn xulxin, mingħajr ma jmissu, fuq l-għaġina. Itwu l-għaġina għal fuq il-mili. Wara aqtgħu l-għaġina f'imqaret minn fejn ma jkunx hemm mili. Agħfsu t-truf sew ma' xulxin biex ma joħroġx il-mili u daħħluhom fuq pjanċa fil-forn. Aħmu f'temperatura mark 5 sakemm isiru kannella sabiħ. (*Jieħdu madwar nofs siegħa biex isiru).*

# INSELLMU LIL MONS. EMANUEL MERCIECA



**Ir-riżenja ta' Mons. Emanuel Mercieca minn Arċipriet ta' San Ġorġ iġġib fit-tmiem epoka ta' għaxar snin li matulha huwa serva lill-knisja bl-akbar ħeġġa, imħabba u dedikazzjoni. Lil Mons. Mercieca nibqgħu niftakruh bħala Arċipriet ħabrieki u li ma jaqta' qalbu minn xejn. Kienet biss it-tagħbija tas-snin (75 sena) li ġgħelitu jċedi postu f'idejn aktar żagħżugħa.**

**Ġa qabel il-ħatra tiegħu bħala Arċipriet. Mons. Mercieca iddedika ħafna minn ħinu u saħħtu għall-kawża tal-knisja tagħna, fi żmien meta kienu nqalgħu differenzi kbar bejn is-Soċjetà La Stella u l-awtorità ekklesjastika. Mons. Mercieca kien strumentali fis-soluzzjoni li nkisbet f'Awissu tal-1975 u li permezz tagħha intemmet darba għal dejjem it-tilwima parrokjali li kien ilha sejra għal 9 snin. Bit-twaqqif tal-Kolleġjata, Mons Mercieca nħatar meritatament l-ewwel Arċipriet tagħha.**

**Mons Mercieca ta kontribut kbir lill-parroċċa fiż-żmien li għamel bħala Arċipriet, anke jekk stess mhux dejjem sab min jifhmu biżżejjed. Minkejja l-età tiegħu, huwa baqa' sal-aħħar ilaħħaq ma' kollox, bosta drabi b'sagrifiċċji kbar għal saħħtu. Lil Mons. Emanuel Mercieca nroddulu l-ħajr tagħna għal dak kollu li għamel għalina u nawgurawlu snin twal ta' mistrieħ fi ħdan il-parroċċa għażiża tagħna.**

# OPRA ĠDIDA

Fil-Knisja Bażilika ta' San Ġorġ għadu kif ntemm ix-xogħol fuq opra kbira li kien ilha s-snin twal tberren fl-imħuħ ta' bosta parruċċani tagħna - il-kwadri tal-mużajk għall-kupletti ta' madar in-navi tal-knisja. B'kollox inħadmu 24 kwadru fil-mużajk li tqegħdu f'sitt kupletti. Uħud mill-kwadri jirrappreżentaw diversi episodji mill-ħajja ta' Sidna Ġesù Kristu u l-Madonna fuq din l-art, bħal m'huma: it-tħabbira tal-anġlu, il-preżentazzjoni fit-tempju il-laqgħa bejn Marija u Elizabetta, it-tieġ ta' Kana, kif wkoll ġrajjiet ewlenin mill-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu. Dawn il-kwadri jinsabu fiż-żewġ kappelluni tas-S.smu Sagrament tal-Kurċifiss.

Oħrajn juru xbiehat ta' qaddisin li għalihom huma iddedikati erbgħa mill-artali tal-knisja. Dawn huma San Pawl, San Ġużepp, Santa Katerina u l-Arkanġlu San Mikiel. Kull xbieħa fiha madwar 60 metru kwadru.

Ix-xogħol tal-mużajk, esegwit bl-akbar perfezzjoni inħadem l-Italja fuq disinji tal-artist Malti Ġużeppi Galea tar-Rabat (Malta)

L-opra ġiet finalizzata prinċipalment mis-Sur George Saliba, minn Victoria, benefattur kbir tal-Bażilika. Hawn taħt qegħdin nuru wħud minn dawn il-kwadri.













A&M PRINTING LTD. - 553217